# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 344/2019 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**AV**

**Vs**

**RV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AV datat 24 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sebgħa ta' Ġunju tas-sena elf disa mija tlieta u disgħin (07.06.1993) ara dok AV 1;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda u ċioe Z nhar X b'dana illi illum il-ġurnata għandha Y sena;*

3. *Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' mit-tlieta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (23.11.2006) in forza ta' kuntratt redatt min Nutar Elena Farrugia (ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u immarkat dok AV2);*

ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, illum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

iii. *Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment;*

4. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħala dok AV 3.*

5. *Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta.*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

i. *Tippronunzja l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fis-sebgħa ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (07.06.1993)*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RV, datata 7 ta' Novembru 2019 a fol 17 et seqq, li taqra hekk:

*Illi huwa minnu illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sebgħa (7) ta' Ġunju 1993 u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda, u ċioe Z, nhar X, u li għalhekk illum għandha Y sena, u li konsegwentament isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Elena Farrugia (esebit Dok AV 2)*

*Illi huwa ukoll minnu illi l-partijiet ilhom għalhekk legalment separati għal kważi tlettax-il sena , u ilhom ma jgħixux flimkien għal aktar minn hekk.*

*Illi huwa minnu illi m'hemmx tama li l-partijiet jirrikonċiljaw.*

*Illi huwa ukoll minnu illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.*

*Illi hija trid ukoll illi b'effett ta' dan il-ħall taż-żwieġ, kunjomha jirriverti għal dak ta' xbubitha u ċioe C.*

*Illi għalhekk jeżistu raġunijiet validi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi ppronunzjat id-divorzju bejniethom.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti ma għandha l-ebda oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti kif dedotta, madankollu tinsisti illi ma għandha tbati l-ebda spejjeż ta' din il-proċedura.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi AV xehed bl-affidavit (Dok AV3, fol 3) illi huwa iżżewweġ lil RV fis-sebgħa ta' Ġunju tas-sena elf disgħa mija tlieta u disgħin (07.06.1993) u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, Z, li llum għandha Y sena. Iż-żwieġ sfaxxa u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fit-23 ta' Novembru 2006, fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia. Xehed ukoll li l-partijiet ilhom aktar minn tlettax-il sena ma jgħixux flimkien. Xehed illi huwa dejjem ħallas il-manteniment dovut u ma hemmx pendenzi tal-istess. Illum il-ġurnata il-partijiet jgħixu ħajja totalment separata u ma hemmx possibilita ta' rikonċiljazzjoni bejniethom.

Illi AV xehed (fol 20) u ikkonferma dak li kien xehed bl-affidavit.

Illi RV xehdet (fol 23) u ikkonfermat dak li xehed bl-affidavit AV.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Ġunju 1993 (Vide Dok AV 1, fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla waħda, illum maġġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia datat 23 ta' Novembru 2006 (vide Dok. AV 2 fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku., u tawtorizza lil RV sabiex tirreverti lura għal kunjom xbubitha u ċioe C u tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat sabiex jieħu l-azzjoni meħtieġa.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**